Dok 48

**Dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Parlament ta' Malta**

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Parlament ta' Malta jesprimi t-tħassib tiegħu dwar stqarrijiet pubbliċi reċenti li jirrigwardaw il-futur u l-istatus ta' Greenland. Dawn l-istqarrijiet joħolqu inċertezza u jistgħu jdgħajfu prinċipji stabbiliti fir-relazzjonijiet internazzjonali li huma fundamentali għall-istabbiltà u l-paċi globali.

Il-Kumitat itenni li l-futur ta' Greenland huwa kwistjoni li tista' tiġi deċiża biss mill-Gvern tad-Danimarka u l-poplu ta' Greenland innifsu, skont ir-rieda demokratika tiegħu, u b'rispett sħiħ lejn il-qafas kostituzzjonali u legali li jirregola r-relazzjonijiet bejn Greenland u Danimarka li hija membru tal-Unjoni Ewropea.

F'dan il-kuntest, il-Kumitat jenfasizza l-importanza tar-rispett għad-dritt tal-popli għall-awto determinazzjoni, eżerċitat b'mod paċifiku u permezz ta' proċessi demokratiċi. Deċiżjonijiet dwar il-governanza, is-sovranità jew l-allinjament internazzjonali għandhom isiru b'għażla libera u nfurmata minn dawk direttament ikkonċernati, mingħajr forza jew interferenza esterna.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u Ewropej ifakkar ukoll li, f'kull ħin, il-prinċipji minquxin fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom jiġu rispettati. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, ir-rispett għas-sovranità tal-Istati, l-integrità territorjali tal-pajjiżi u l-invjolabbiltà tal-fruntieri. Dawn il-prinċipji huma l-pedamenti tal-ordni legali internazzjonali u huma essenzjali biex tinżamm il-fiduċja, il-kooperazzjoni u l-istabbiltà bejn il-popli.

Il-Kumitat jinnota li diskorsi jew azzjonijiet li jpoġġu dawn il-prinċipji f'dubju jistgħu joħolqu preċedenti perikolużi, idgħajfu il-multilateraliżmu u jikkontribwixxu għall-insigurtà globali. Intennu li l-osservanza tad-dritt internazzjonali u d-diplomazija responsabbli huma aktar meħtieġa minn qatt qabel.

Għaldaqstant, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u Ewropej jappella lill-partijiet kollha biex jaġixxu b'rażan, jirrispettaw il-qafas legali stabbilit u jerġgħu jikkonfermaw l-impenn tagħhom lejn il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

Il-Kumitat se jkompli jsegwi mill-qrib l-iżviluppi u jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għal komunità internazzjonali stabbli, paċifika u li tosserva l-liġi.